RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/775

tal-5 ta' Ġunju 2020

dwar l-elementi ewlenin tal-kumpens ġust u elementi ewlenin oħra li għandhom jiġu inklużi fl-arranġamenti tekniċi, ġuridiċi u finanzjarji bejn l-Istati Membri għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' assistenza skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2020) 3572)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE ([1]),

Billi:

(1) L-Artikolu 194(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiddikjara li l-politika tal-enerġija tal-UE għandha timmira għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, bi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.

(2) Ir-Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, li s-sigurtà tal-enerġija, is-solidarjetà, il-fiduċja u politika ambizzjuża dwar it-tibdil fil-klima huma parti integrali minnhom.

(3) Ir-Regolament jintroduċi mekkaniżmu ta' assistenza bejn l-Istati Membri bħala strument għall-prevenzjoni jew il-ġestjoni ta' kriżijiet tal-elettriku fl-Unjoni.

(4) Meta jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' assistenza, l-Istati Membri jridu jaqblu dwar għadd ta' kwistjonijiet tekniċi, ġuridiċi u finanzjarji fl-arranġamenti reġjonali jew bilaterali tagħhom u jiddeskrivuhom fil-pjanijiet tagħhom ta' tħejjija għar-riskji.

(5) Sabiex tgħin lill-Istati Membri bl-implimentazzjoni, u wara li wettqet konsultazzjonijiet mal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Elettriku (ECG) u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), il-Kummissjoni ħejjiet din il-gwida mhux vinkolanti dwar l-elementi ewlenin li għandhom jiġu inklużi fit-tali arranġamenti,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri għandhom isegwu l-gwida mhux vinkolanti li tinsab fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Din il-gwida għandha sservi ta' għajnuna għall-Istati Membri biex dawn idaħħlu fis-seħħ arranġamenti tekniċi, ġuridiċi u finanzjarji sabiex japplikaw l-obbligi ta' assistenza msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2019/941, u jiddeskrivuhom fil-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji li huma meħtieġa jfasslu skont ir-Regolament.

2. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
Kadri SIMSON
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 1.

ANNESS

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2019/941 ("ir-Regolament") isarraf il-kunċett ta' solidarjetà fil-prattika u jistabbilixxi mekkaniżmu ta' assistenza bejn l-Istati Membri li jidħol fis-seħħ meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti. L-assistenza hija mekkaniżmu tal-aħħar istanza għall-prevenzjoni jew għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-elettriku.

1.1. **Il-mekkaniżmu ta' assistenza**

Jekk Stat Membru jitlob assistenza, il-mekkaniżmu ta' assistenza jinkludi obbligu għall-Istati Membri l-oħrajn fi ħdan il-ftehim reġjonali jew bi ftehim bilaterali ([1]) biex jikkooperaw fi spirtu ta' solidarjetà għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet tal-elettriku. Il-limiti fuq l-għajnuna li jista' jipprovdi Stat Membru ġeneralment ikunu:

— il-massimu possibbli, taħt il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kriżi, il-kapaċità transżonali disponibbli,

— l-ammont ta' elettriku meħtieġ għall-fini tal-ħarsien tas-sikurezza pubblika tiegħu u tas-sigurtà personali ([2]),

— is-sigurtà operazzjonali tan-netwerk tal-elettriku tiegħu stess.

L-elementi differenti ta' arranġament reġjonali jew bilaterali li jkopru l-aspetti ġuridiċi, tekniċi u finanzjarji tal-assistenza huma diġà parzjalment koperti mill-Artikolu 15 tar-Regolament. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jaqblu fl-arranġamenti reġjonali jew bilaterali tagħhom fuq l-elementi u d-dettalji kollha meħtieġa, sabiex jipprovdu ċertezza u sigurtà lil dawk kollha involuti biex jagħmlu l-mekkaniżmu ta' assistenza jaħdem. Dawn l-arranġamenti għandhom jiġu deskritti fil-pjanijiet rispettivi ta' ħejjija għar-riskji; b'mod partikolari, il-mekkaniżmu ta' kumpens ekonomiku jrid jiġi inkluż. Ir-Regolament u din il-gwida ma jarmonizzawx l-aspetti kollha tal-kumpens ġust bejn l-Istati Membri.

Il-kumpens kif deskritt fl-Artikolu 15 tar-Regolament ivarja ħafna. Dan jinkludi pagamenti għall-elettriku kkunsinnat fit-territorju tal-Istat Membru li jitlob l-assistenza, kif ukoll spejjeż addizzjonali bħal spejjeż ta' trażmissjoni assoċjati u spejjeż raġonevoli oħrajn imġarrba mill-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza.

Hemm bosta kundizzjonijiet biex l-assistenza taħdem kif suppost.

L-ewwel nett, il-miżuri bbażati fis-suq għandhom jiġu segwiti fit-tul kemm jista' jkun. Jeħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu kull sforz biex ilestu l-iżvilupp ta' mekkaniżmi jew pjattaformi kkoordinati li jippermettu l-kondiviżjoni volontarja ta' rispons min-naħa tad-domanda u l-kondiviżjoni ta' kapaċità flessibbli oħra. Huwa fl-interess tal-Istati Membri fornituri u rikjedenti potenzjali li jevitaw sitwazzjonijiet li fihom il-miżuri mhux tas-suq — inkluż it-tnaqqis sfurzat tal-klijenti — ikunu jridu jibdew fi stadju aktar bikri. Dan huwa konformi wkoll mal-prinċipju ġenerali fir-Regolament li s-suq għandu jingħata flessibbiltà massima biex isolvi l-kwistjonijiet tal-provvista tal-elettriku.

It-tieni nett, il-varjazzjoni tal-prezzijiet bl-ingrossa f'konformità mar-regoli tas-suq għandha tkun permessa, anki fi kriżi tal-elettriku, sakemm l-operat tas-swieq tal-elettriku ma jikkawżax aktar deterjorament tal-kriżi tal-elettriku. Fil-fatt, ir-restrizzjonijiet għall-offerti u l-limiti massimi impliċiti jew espliċiti tal-prezzijiet, li ma jikkonformawx mar-regoli tas-suq imfassla sewwa ([3]), jipprevjenu li s-sinjali tal-prezzijiet ikunu jirriflettu l-ħtieġa għal elettriku addizzjonali, biex b'hekk jipprevjenu l-fluss tal-elettriku fejn huwa meħtieġ. Dan ifisser li l-prezzijiet tas-suq għandhom jitħallew jifformaw abbażi tal-provvista u d-domanda fit-tul kemm jista' jkun fit-tħejjija għal kriżi, u l-prezzijiet tas-saldu tal-iżbilanċ wara kriżi għandhom jirriflettu l-ispiża għall-konsumaturi ta' kwalunkwe skonnettjar minn mal-provvista. Dan jipprevjeni l-limiti massimi impliċiti tal-prezzijiet fir-regoli ta' bbilanċjar li jaġixxu bħala diżinċentiv għall-investimenti fil-kapaċità flessibbli u affidabbli li jistgħu jgħinu biex jiġu evitati kriżijiet tal-elettriku.

([1]) F'konformità mal-Artikolu 12.1 tar-Regolament, għandhom jiġu miftiehma "miżuri reġjonali" fir-reġjun ikkonċernat bejn l-Istati Membri li għandhom il-kapaċità teknika li jipprovdu assistenza lil xulxin f'konformità mal-Artikolu 15. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jifformaw ukoll sottogruppi f'reġjun u jaqblu fuq miżuri reġjonali f'livell bilaterali jew multilaterali. Barra minn hekk, għandhom jiġu miftiehma "miżuri bilaterali" bejn l-Istati Membri li huma konnessi direttament, iżda li mhumiex fl-istess reġjun.

([2]) L-għan aħħari tal-mekkaniżmu ta' assistenza huwa l-protezzjoni tas-sikurezza pubblika u tas-sigurtà personali, kif stabbilit fl-Artikolu 15.2 tar-Regolament.

([3]) Ir-regoli relatati mal-limiti massimi tal-prezzijiet u l-limiti tekniċi tal-offerti huma stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

It-tielet nett, l-aċċess transkonfinali għall-infrastruttura għandu jinżamm sakemm ikun teknikament possibbli u sikur f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), f'kull ħin, anki fi kriżi tal-elettriku. Skont il-limitazzjonijiet tekniċi f'kull Stat Membru, l-arranġamenti għandhom jiżguraw li l-kapaċità transżonali u l-offerti min-naħa tad-domanda, fejn xieraq, ikunu kompletament aċċessibbli għall-parteċipanti fis-suq bejn il-fruntieri. Dan ser idewwem il-ħtieġa li jitnaqqsu l-klijenti fl-Istat Membru li jkun qed jiffaċċja diffikultajiet fil-provvista.

Ir-raba' nett, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw matul l-istadji kollha ta' kriżi tal-elettriku. Il-kooperazzjoni effettiva fl-istadji bikrija tista' tipprevjeni l-okkorrenza jew l-eskalazzjoni ta' kriżi tal-elettriku u ttaffi l-effetti tagħha.

L-assistenza tista' tiskatta biss minn Stat Membru rikjedenti bħala l-aħħar soluzzjoni jekk l-għażliet kollha pprovduti mis-suq ikunu ġew eżawriti jew meta jkun evidenti li l-miżuri bbażati fis-suq weħidhom ma jkunux biżżejjed biex jipprevjenu li jkun hemm aktar deterjorament tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-elettriku, speċjalment meta jonqos milli joffri l-elettriku meħtieġ biex iħares is-sikurezza pubblika u s-sigurtà personali. Barra minn hekk, il-miżuri nazzjonali fil-pjan ta' tħejjija għar-riskji tal-Istat Membru rikjedenti jridu jkunu ġew eżawriti.

1.2. **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 15(7) tar-Regolament jiddikjara li l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-ECG u mal-ACER, trid tipprovdi gwida mhux vinkolanti dwar l-elementi ewlenin tal-kumpens ġust imsemmi fil-paragrafi 3 sa 6 u elementi ewlenin oħrajn tal-arranġamenti tekniċi, ġuridiċi u finanzjarji msemmija fil-paragrafu 3, kif ukoll dwar il-prinċipji ġenerali tal-assistenza reċiproka msemmija fil-paragrafu 2.

1.3. **Kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida**

L-Artikoli 12 u 15 tar-Regolament jidentifikaw bosta elementi u aspetti tal-mekkaniżmu ta' assistenza li jeħtieġ li jintlaħaq qbil dwarhom u li jiġu inklużi f'arranġamenti reġjonali u bilaterali. Madankollu, ir-Regolament jagħti lill-Istati Membri diskrezzjoni wiesgħa meta jaqblu dwar il-kontenut ta' tali miżuri kkoordinati u, b'konsegwenza ta' dan, dwar il-kontenut tal-assistenza li joffru. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu u jaqblu dwar tali miżuri kkoordinati, b'mod partikolari dwar l-arranġamenti tekniċi, ġuridiċi u finanzjarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

L-offerta ta' gwida utli dwar dawn u dwar kwalunkwe element ieħor li jista' jiġi inkluż f'arranġamenti bħal dawn l-ewwel teħtieġ fehim aħjar tas-sitwazzjoni li fiha tista' tiskatta l-assistenza, flimkien mal-isforzi u l-prinċipji bażiċi li jistgħu jipprevjenu li sseħħ sitwazzjoni bħal din. Il-gwida mhux vinkolanti attwali ma tipprovdix, u ma tistax tipprovdi, lista eżawrjenti u preskrittiva xierqa għall-Istati Membri kollha, minħabba li dawn irid ikollhom il-libertà li jagħżlu soluzzjonijiet li jkunu l-aktar addattati għall-kapaċitajiet, l-oqfsa eżistenti, is-sitwazzjoni u l-prijoritajiet tagħhom. Minflok, hija tirrakkomanda l-użu ta' sett ta' elementi neċessarji u fakultattivi u tiddeskrivi modi possibbli ta' kif jitħaddmu ċerti miżuri ta' assistenza.

L-approċċ propost huwa li l-Istati Membri jibnu l-miżuri kkoordinati fuq l-oqfsa u l-proċeduri nazzjonali eżistenti kull fejn ikun possibbli, u li jadattawhom kif meħtieġ għall-finijiet tal-assistenza. Dan jista' jinkludi l-użu ta' pjattaformi jew mekkaniżmi eżistenti għall-miżuri min-naħa tad-domanda jew mekkaniżmi ta' kumpens eżistenti għall-klijenti.

2. ARRANĠAMENTI ĠURIDIĊI, TEKNIĊI U FINANZJARJI

2.1. **Arranġamenti ġuridiċi**

L-għan tal-arranġamenti ġuridiċi huwa li jipprovdu ċertezza tad-dritt lil dawk kollha involuti fil-forniment jew ir-riċeviment tal-elettriku fi kriżi tal-elettriku. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri involuti fl-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' assistenza jimplimentaw arranġamenti ġuridiċi ċari, trasparenti u effettivi sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu jafu r-regoli u l-proċeduri għall-assistenza transkonfinali.

([4]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54.

L-Artikolu 12 tar-Regolament jirrikjedi li l-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji jkunu jinkludu miżuri reġjonali u, fejn applikabbli, bilaterali biex jiżguraw li s-sitwazzjonijiet ta' kriżi b'impatt transkonfinali jiġu evitati jew ġestiti kif suppost. Meta jistabbilixxu arranġamenti ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll il-possibbiltà li joħolqu sottogruppi f'reġjun ([5]), li jkunu jinkludu lil dawk l-Istati Membri li teknikament ikunu jistgħu jipprovdu l-assistenza lil xulxin. Dan għaliex mhux il-membri kollha ta' reġjun akbar bilfors ikunu jistgħu jipprovdu l-elettriku lil Stat Membru ieħor fi kriżi. B'hekk, ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġu konklużi ftehimiet reġjonali dwar miżuri transkonfinali konkreti mal-Istati Membri kollha f'reġjun, iżda biss ma' dawk li għandhom il-kapaċità teknika li jipprovdu assistenza. Għandhom jiġu miftiehma miżuri bilaterali bejn l-Istati Membri li huma konnessi direttament iżda li mhumiex parti mill-istess reġjun.

Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet partikolari fejn Stat Membru ma jkunx konness direttament ma' xi Stat Membru ieħor. Billi bħalissa qegħdin jiġu żviluppati proġetti ta' infrastruttura għall-interkonnessjonijiet, din is-sitwazzjoni tista' tinbidel. Jekk l-interkonnessjonijiet jiġu online wara l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, l-Istati Membri kkonċernati ser ikollhom idaħħlu fis-seħħ l-arranġamenti ġuridiċi, finanzjarji u tekniċi stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament mal-ewwel opportunità, u jagġornaw il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji tagħhom biex ikunu jirriflettuhom.

2.1.1. *L-Istati Membri kkonċernati*

L-Istati Membri kkonċernati mill-mekkaniżmu ta' assistenza huma:

— l-Istat Membru li jkun talab l-assistenza, u

— l-Istati Membri kollha li teknikament ikunu jistgħu jipprovdu assistenza fl-istess reġjun (bi ftehim reġjonali) u l-Istati Membri bi ftehimiet bilaterali (konnessi mal-Istat Membru rikjedenti iżda li ma jappartjenux għall-istess reġjun).

Jekk l-Istat Membru rikjedenti jkollu fis-seħħ ftehim reġjonali u/jew ftehim bilaterali, mela huwa għandu jikkomunika l-ħtieġa tiegħu għal assistenza lill-Istati Membri kollha li jistgħu jipprovdu tali assistenza.

2.1.2. *Talba għal assistenza*

Billi l-kriżijiet tal-elettriku jitolbu reazzjonijiet malajr, it-talba għal assistenza għandha tkun qasira, standardizzata u tinkludi ammont minimu ta' informazzjoni meħtieġa. Idealment, l-Istati Membri li jikkonkludu arranġament reġjonali jew bilaterali jistgħu jaqblu fuq mudell għat-talba u jehmżuh mal-arranġament bħala anness. L-informazzjoni li ġejja tidher li hija l-minimu meħtieġ biex wieħed ikun jista' jirrispondi b'mod effiċjenti għal talba għal assistenza:

— l-isem tal-Istat Membru rikjedenti, inkluża l-entità responsabbli u l-persuna/i ta' kuntatt,

— l-isem tal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSO) u tal-Operatur Nominat tas-Suq tal-Elettriku (NEMO) u l-persuna/i ta' kuntatt responsabbli,

— indikazzjoni tal-iżbilanċ mistenni f'termini ta' enerġija u potenza elettrika (imkejjel f'unità miftiehma b'mod komuni) u t-tul ta' żmien antiċipat ta' din il-lakuna,

— indikazzjoni mill-Istat Membru rikjedenti tal-interkonnettur jew tal-punti ta' konsenja preferibbli, fejn rilevanti (pereżempju, għal ġeneraturi mobbli),

— għal xi għodod tekniċi partikolari miftiehma (talba biex jiġu attivati mill-ġdid impjanti tal-enerġija staġnati, it-trasferiment ta' ġeneraturi mobbli, l-attivazzjoni ta' riżervi strateġiċi, eċċ.), talba biex jiġi indikat il-ħin tal-ewwel kunsinna possibbli u t-tul ta' żmien antiċipat tal-forniment tal-provvisti (li tindika l-perjodu antiċipat li matulu l-Istat Membru li qed jassisti jipprovdi l-assistenza),

— referenza għall-impenn mill-Istat Membru rikjedenti biex iħallas kumpens għall-assistenza.

2.1.3. *Utenti tal-elettriku intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar għal raġunijiet ta' sikurezza pubblika u sigurtà personali*

L-Artikolu 11 tar-Regolament jiddeskrivi liema miżuri għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji fir-rigward tal-miżuri nazzjonali għall-prevenzjoni, it-tħejjija u l-mitigazzjoni ta' kriżi tal-elettriku. Il-punt (h) tal-paragrafu 1 jippermetti lill-Istati Membri jispeċifikaw, fir-rigward tas-sikurezza pubblika u s-sigurtà personali, liema kategoriji ta' utenti tal-elettriku huma, f'konformità mal-liġi nazzjonali, intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar, u li jiġġustifikaw il-ħtieġa għal tali protezzjoni. "Is-sikurezza pubblika u s-sigurtà

([5]) Ir-Regolament jiddefinixxi "reġjun" bħala grupp ta' Stati Membri li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tagħhom jikkondividu l-istess ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali kif imsemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament dwar l-Elettriku.

personali" jikkonċernaw il-benesseri u l-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali, u jikkonċernaw il-prevenzjoni u l-protezzjoni minn perikli assoċjati ma' utenti intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar.

Sabiex jiġu protetti s-sikurezza pubblika u s-sigurtà personali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri speċjali biex jiżguraw il-kontinwità tal-provvista tal-enerġija fid-dawl ta':

— ħtieġa kritika lokali, reġjonali jew nazzjonali,

— kwistjonijiet ta' saħħa pubblika u ta' sikurezza,

— il-potenzjal għal dannu katastrofiku jew riskju għoli ta' kwistjonijiet sinifikanti ta' sikurezza (pereżempju, minħabba riskji ambjentali),

— esponiment potenzjali għal theddid ta' sigurtà,

— kapaċitajiet tekniċi għal skonnessjonijiet selettivi.

Skont ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu bil-liġi nazzjonali liema kategoriji ta' utenti tal-elettriku huma intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar. Fid-definizzjoni ta' dawn il-kategoriji, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-tul ta' żmien u l-firxa tal-kriżi, li jistgħu jinfluwenzaw il-lista tal-utenti tal-elettriku li huma intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar. Jekk il-kriżi ddum aktar minn ċertu żmien jew testendi lil hinn minn kamp ta' applikazzjoni partikolari, hija tista' tipperikola l-ħajja, is-sigurtà jew is-saħħa ta' partijiet akbar tal-popolazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-lista tal-utenti tal-elettriku li huma intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar għandha tkun definita b'mod ċar fil-pjanijiet ta' ħejjija għar-riskji, inkluża l-kategorija ta' utenti li jistgħu jiġu inklużi biss fil-każ ta' kriżi estensiva fit-tul. Il-lista għandha tkun konsistenti max-xenarji tar-riskji identifikati fil-livelli reġjonali u nazzjonali inklużi fil-pjanijiet ta' ħejjija għar-riskji u mal-impatt stmat tagħhom.

Eżempji ta' utenti tal-elettriku li jistgħu jkunu intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar huma:

— Is-settur tal-enerġija:

  — Is-sottosettur tal-elettriku: ir-rekwiżiti kritiċi proprji tas-sistema tal-elettriku, b'mod partikolari dawk li jżommu kapaċità ta' ġenerazzjoni u sikurezza nukleari, u ċ-ċentri ta' spedizzjoni.

  — Is-sottosettur tal-gass: il-faċilitajiet kritiċi tas-sistema tal-gass biex tinżamm is-sikurezza tal-installazzjonijiet tal-gass, u ċ-ċentri ta' spedizzjoni.

  — Ir-raffineriji taż-żejt u l-istazzjonijiet tal-ippompjar taż-żejt vitali biex tinżamm is-sikurezza tal-installazzjonijiet.

— Is-settur tat-trasport:

  — It-trasport bl-ajru: l-ajruporti ewlenin u l-faċilitajiet ta' kontroll assoċjati.

  — It-trasport bil-ferroviji: l-operazzjonijiet ferrovjarji sinifikanti jekk ikunu jiddependu fuq il-provvista ġenerali tal-elettriku.

  — It-trasport bit-triq: is-sistemi ta' kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku u s-sinjali tat-traffiku.

  — It-trasport marittimu: il-portijiet u l-baċiri ewlenin u l-faċilitajiet ta' kontroll assoċjati.

— Is-settur tas-saħħa: l-ambjenti tal-kura tas-saħħa, inklużi sptarijiet u kliniċi privati.

— Il-provvista tal-ilma: l-installazzjonijiet essenzjali tal-ilma u tad-drenaġġ.

— Is-servizzi diġitali u tat-telekomunikazzjoni fejn ikun hemm ħtieġa nazzjonali għal operat kontinwu.

— Is-sigurtà u s-sikurezza:

  — Is-servizzi ta' emerġenza ta' sinifikat reġjonali/nazzjonali.

  — Il-faċilitajiet tal-protezzjoni ċivili.

  — Is-siti tal-forzi armati, b'mod partikolari dawk li jipprovdu appoġġ għall-protezzjoni ċivili.

  — Is-servizzi tal-ħabsijiet pubbliċi jew privati.

— Il-faċilitajiet ta' amministrazzjoni fejn ikun hemm ħtieġa nazzjonali għal operat kontinwu.

— Is-servizzi finanzjarji fejn ikun hemm ħtieġa nazzjonali jew għall-UE kollha għal operat kontinwu.

— Is-siti bi proċessi industrijali mhux sostenibbli permezz ta' ġenerazzjoni standby, fejn l-iskonnettjar jista' jikkawża kwistjonijiet sinifikanti ta' sikurezza.

Għal dawk il-pajjiżi li jiddefinixxu, bil-liġi nazzjonali, l-utenti tal-elettriku intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar, il-lista għandha tinżamm aġġornata, bil-konsum stmat għal kull wieħed mill-elementi.

Huwa rrakkomandat li jiġi żgurat li l-utenti tal-elettriku li huma intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar ikollhom fis-seħħ ukoll arranġamenti robusti ta' kontinwità tan-negozju biex iżommu provvista adegwata ta' servizzi fil-każ ta' kriżi tal-elettriku, minflok ma jiddependu biss fuq l-arranġamenti skont il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji.

L-utenti kollha tal-elettriku intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar għandhom inaqqsu wkoll it-tagħbija tagħhom kemm jista' jkun fil-każ ta' kriżi tal-elettriku. Jekk is-sitwazzjoni tiddeterjora u r-riskju ta' nuqqas ta' provvista lil dawn l-utenti tal-elettriku jkun imminenti, għandha tingħata prijorità lill-prevenzjoni tat-telf ta' ħajja u lit-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri li jistgħu jinvolvu telf ta' ħajja jew ħsara kbira.

2.1.4. *Il-bidu u t-tmiem tal-għoti ta' assistenza*

L-Artikolu 15(3) tar-Regolament jesiġi li l-Istati Membri għandhom jaqblu fuq l-iskattatur għal kwalunkwe assistenza u għas-sospensjoni tiegħu. Dan għandu jsir soġġett għall-arranġamenti tekniċi, ġuridiċi u finanzjarji meħtieġa.

L-Artikolu 2(9) tar-Regolament jiddefinixxi "kriżi tal-elettriku" bħala sitwazzjoni preżenti jew imminenti fejn ikun hemm nuqqas sinifikanti ta' elettriku, kif definita mill-Istati Membri u kif deskritta fil-pjanijiet tagħhom ta' tħejjija għar-riskji, jew fejn ikun impossibbli li jiġi fornut l-elettriku lill-klijenti. Wara d-dikjarazzjoni ta' kriżi tal-elettriku mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, il-miżuri kollha miftiehma għandhom jiġu implimentati kemm jista' jkun.

L-iskattatur biex tintalab l-assistenza għandu jiġi definit b'rabta ma' kwalunkwe sitwazzjoni eżistenti jew imminenti, meta jkun mistenni li jkunu meħtieġa miżuri mhux tas-suq biex jiġu evitati jew minimizzati l-impatti tal-kriżi tal-elettriku.

B'mod partikolari, meta kategoriji ta' utenti tal-elettriku intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar jiġu definiti mil-liġi nazzjonali, l-iskattatur biex tintalab l-assistenza għandu jiġi definit b'rabta ma' sitwazzjoni eżistenti jew imminenti li fiha Stat Membru ma jistax jiżgura protezzjoni kontra l-iskonnettjar għall-kategoriji ta' utenti tal-elettriku speċifikati fir-rigward tas-sikurezza pubblika u s-sigurtà personali, minkejja l-miżuri nazzjonali kollha tas-suq u mhux tas-suq. Għall-Istati Membri li ma jiddefinixxux, skont il-liġi nazzjonali, il-kategoriji ta' utenti tal-elettriku intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar, l-iskattatur biex tintalab l-assistenza għandu jiġi definit b'rabta ma' kwalunkwe sitwazzjoni eżistenti jew imminenti li fiha Stat Membru ma jkunx jista' jforni l-ammont ta' elettriku meħtieġ għall-fini tal-protezzjoni tas-sikurezza pubblika tiegħu u tas-sigurtà personali.

Għal kull xenarju ta' riskju identifikat fil-pjan ta' tħejjija għar-riskji, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-event skattatur. Dan jista' jkun event operazzjonali jew mhux operazzjonali. L-eventi operazzjonali jistgħu jkunu t-telf ta' kontrollabbiltà, in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġenerazzjoni u d-domanda, in-nuqqas ta' riżervi jew l-inabbiltà li jiġi fornut l-elettriku minħabba ħsara fiżika f'partijiet tas-sistemi. L-eventi mhux operazzjonali jistgħu jkunu, pereżempju, theddid għas-sigurtà esterna.

Ir-riskju li l-mekkaniżmu ta' assistenza jintuża ħażin permezz ta' talba mhux ġustifikata għal assistenza huwa żgħir ħafna minħabba l-kundizzjonijiet stretti li jridu jiġu ssodisfati qabel ma jiskatta l-mekkaniżmu ta' assistenza.

Mingħajr preġudizzju għal dak li jaqblu fuqu l-Istati Membri fil-ftehimiet reġjonali jew bilaterali rispettivi, l-obbligu li tiġi pprovduta assistenza għandu jieqaf milli japplika meta:

— l-Istat Membru li talab l-assistenza jgħarraf lill-Istat(i) Membru/i li jipprovdi/u assistenza li huwa mill-ġdid fil-pożizzjoni li jforni l-elettriku lill-utenti tal-elettriku tiegħu intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar jew li jiżguraw il-forniment tal-elettriku meħtieġ għall-fini tal-protezzjoni tas-sikurezza pubblika u tas-sigurtà personali,

— l-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza ma jistax jibqa' jforni lill-utenti tal-elettriku tiegħu, speċjalment l-utenti intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar, jew ma jistax jibqa' jiżgura l-forniment tal-elettriku għall-fini tal-protezzjoni tas-sikurezza pubblika u tas-sigurtà personali, minħabba deterjorament tas-sistema tiegħu stess.

Huwa possibbli wkoll li, minkejja kriżi tal-elettriku akuta li għaddejja, l-Istat Membru li inizjalment talab assistenza jiddeċiedi li jitlob sospensjoni tal-assistenza, pereżempju minħabba li ma jkunx jiflaħ iħallas.

2.1.5. *Irwoli u responsabbiltajiet*

Ir-responsabbiltà aħħarija għat-tħaddim tal-mekkaniżmu ta' assistenza għandha tkun f'idejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, dan jinkludi d-deċiżjoni li tintalab assistenza u l-monitoraġġ ġenerali ta' kif l-entitajiet responsabbli għal kompiti speċifiċi qegħdin iħaddmu l-mekkaniżmu. Ir-Regolament ma jeħtieġx il-ħolqien ta' entitajiet speċifiċi ġodda. L-Istati Membri huma rrakkomandati li jallokaw ir-responsabbiltajiet preferibbilment lill-entitajiet eżistenti jew, f'ċirkostanzi speċjali, lil entitajiet ġodda, filwaqt li jqisu l-istruttura organizzazzjonali u l-esperjenza tagħhom fil-ġestjoni tal-kriżijiet u fir-reazzjoni f'każ ta' emerġenza. Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u, b'mod partikolari, biex jiġu evitati spejjeż fissi, l-Istati Membri għandhom jiddependu fuq il-mekkaniżmi eżistenti, fejn possibbli. Il-prinċipju gwida f'dan ir-rigward għandu jkun li l-assistenza tiġi pprovduta b'mod effiċjenti u effettiv.

L-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament huma responsabbli biex jimplimentaw il-qafas, b'kompiti u responsabbiltajiet assenjati b'mod ċar lill-atturi rispettivi, bħall-koordinatur nazzjonali tal-kriżi, il-koordinatur jew tim magħmul mill-maniġers nazzjonali rilevanti ta' kriżi tal-elettriku, it-TSOs, l-awtorità regolatorja nazzjonali u l-impriżi tal-elettriku. L-awtoritajiet kompetenti huma wkoll fl-aħjar pożizzjoni biex iħejju l-arranġamenti reġjonali u bilaterali flimkien mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn. Dawn l-arranġamenti ser jifformaw il-bażi ġuridika tal-assistenza, inkluż il-ħlas tal-kumpens u s-saldu finanzjarju wara li tkun ġiet ipprovduta l-assistenza. L-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom huma wkoll fl-aħjar pożizzjoni biex ikunu responsabbli biex jibagħtu jew jirċievu t-talbiet għal assistenza, jikkoordinaw il-miżuri u jinnotifikaw meta l-applikazzjoni għall-assistenza tkun ġiet sospiża. Ir-responsabbiltà finanzjarja għall-kumpens għandha, fl-aħħar mill-aħħar, taqa' wkoll fuq l-Istati Membri, sabiex jipprovdu biżżejjed garanziji ta' ħlas fil-pront ta' kumpens ġust.

Bla ħsara għal-limitazzjonijiet tekniċi u ġuridiċi f'kull Stat Membru, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huma fl-aħjar pożizzjoni biex imexxu, jew mill-inqas biex ikunu involuti, fil-proċess tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-kumpens. Preferibbilment, it-TSOs għandhom ikunu responsabbli mill-ispedizzjoni tal-kwantitajiet ta' elettriku meħtieġa b'mod kosteffiċjenti.

It-TSOs, bl-appoġġ taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali u tal-koordinaturi tas-sigurtà reġjonali (sakemm jiġu stabbiliti ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali) huma fl-aħjar pożizzjoni biex jerfgħu r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-aspetti tekniċi kollha u għall-implimentazzjoni tal-miżuri operattivi kollha meħtieġa meta tiġi applikata l-assistenza. L-entità fl-Istat Membru li hija responsabbli biex tipprovdi assistenza tista' tkun ukoll responsabbli biex tiġbor talbiet għall-elettriku u spejjeż addizzjonali, filwaqt li tivverifikahom u tibgħathom lill-entità fl-Istat Membru li bbenefikat mill-assistenza. F'dan il-kuntest, ikun utli li jiġi mħaddan approċċ ta' punt uniku ta' servizz. L-Istati Membri huma rrakkomandati li jidentifikaw u jaqblu fuq liema entità hija responsabbli biex tiġbor u tibgħat it-talbiet għal kumpens għat-tnaqqis.

Id-dispożizzjoni għal medjatur fl-arranġamenti reġjonali u bilaterali konklużi bejn l-Istati Membri tista' sserraħ moħħ il-partijiet kollha fir-rigward tal-ħlas u l-kalkolu tal-ispejjeż ta' kumpens. Il-medjatur jgħin biex isolvi kwalunkwe nuqqas ta' qbil dwar l-ammont tal-kumpens li għandu jitħallas.

2.1.6 *Il-forma ġuridika tal-arranġamenti reġjonali u bilaterali*

Ma hemm l-ebda rekwiżit espliċitu fir-rigward tal-forma ġuridika tal-arranġamenti reġjonali u bilaterali. L-Istati Membri huma liberi li jsibu forma ġuridika li toħloq drittijiet u obbligi bejniethom jekk jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' assistenza. Id-dritt li tintalab assistenza u l-obbligu li tiġi pprovduta assistenza huma stipulati fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament. L-arranġamenti reġjonali u bilaterali ser jiddefinixxu kif għandhom jiġu eżerċitati dawn id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni. L-arranġamenti ser ikunu operazzjonali, mhux politiċi fin-natura tagħhom. Skont ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru, jista' jkun biżżejjed, għall-finijiet ta' implimentazzjoni, li l-awtoritajiet rilevanti jikkonkludu arranġament amministrattiv vinkolanti. Dan jista' jinkludi d-dispożizzjonijiet tat-trattati reġjonali jew bilaterali eżistenti, l-arranġamenti kuntrattwali bejn it-TSOs jew il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' liċenzjar għall-entitajiet tal-elettriku, sakemm dawn ikunu ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Min-naħa l-oħra, strument ġuridiku mhux vinkolanti, bħal memorandum ta' qbil, ma jkunx biżżejjed waħdu, minħabba li ma joħloqx obbligi ġuridiċi bejn il-parteċipanti. Għalhekk, id-dipendenza biss fuq arranġamenti fil-forma ta' memorandum ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15 biex tinħoloq sistema legalment vinkolanti għall-assistenza, u tista' tiġi interpretata bħala implimentazzjoni insuffiċjenti tal-Artikolu 15 ([6]).

([6]) L-arranġamenti fil-forma ta' memorandum ta' qbil għandhom ikunu kkomplementati minn miżuri vinkolanti nazzjonali li jiżguraw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-memorandum ta' qbil.

2.1.7. *Assistenza qabel ma jkunu ġew konklużi ftehimiet reġjonali u bilaterali*

F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament, fil-każ ta' kriżi tal-elettriku fejn l-Istati Membri jkunu għadhom ma qablux dwar miżuri kkoordinati u arranġamenti tekniċi, ġuridiċi u finanzjarji, l-Istati Membri għandhom jaqblu fuq miżuri u arranġamenti ad hoc, inkluż fir-rigward ta' kumpens ġust. Meta Stat Membru jitlob assistenza qabel ma jkunu ġew konklużi tali ftehimiet, huwa għandu jintrabat li jħallas kumpens ġust qabel ma jirċievi l-assistenza.

2.1.8. *It-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali*

Kwalunkwe proċedura li tinvolvi l-Istati Membri jew l-awtoritajiet tagħhom imsemmija fir-Regolament għandha tiġi implimentata minnhom f'konformità mar-regoli applikabbli, inklużi r-regoli nazzjonali relatati mat-trattament ta' informazzjoni u proċessi kunfidenzjali. Jekk dan iwassal għal sitwazzjoni fejn l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi divulgata, inkluż bħala parti mill-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji, l-Istat Membru jew l-awtorità inkwistjoni jistgħu jipprovdu sommarju mhux kunfidenzjali tagħha, jew iridu jagħmlu dan fuq talba.

Il-Kummissjoni, l-ACER, l-ECG, l-ENTSO-E, l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u korpi, entitajiet jew persuni rilevanti oħrajn li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont ir-Regolament għandhom jiżguraw li tinżamm il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sensittiva.

2.2. **Arranġamenti tekniċi**

L-iskop tal-arranġamenti tekniċi huwa li jiddeskrivu d-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet tekniċi kollha meħtieġa li jippermettu lill-mekkaniżmu ta' assistenza jaħdem fil-prattika. Dan ikun jeħtieġ il-kondiviżjoni obbligatorja minn qabel ta' informazzjoni dwar il-kapaċità teknika u l-limitazzjonijiet tal-infrastruttura tal-elettriku rilevanti, u l-ammont teoretiku massimu tal-elettriku rilevanti għall-assistenza, flimkien ma' valutazzjoni tal-limitazzjonijiet tekniċi li jagħmlu l-assistenza diffiċli. Jekk ikunu jeżistu limitazzjonijiet tekniċi jew limitazzjonijiet oħrajn, l-Istati Membri huma mħeġġa jidentifikaw u jaqblu fuq soluzzjonijiet aċċettabbli b'mod reċiproku li għandhom jiġu applikati sabiex tiġi garantita l-kapaċità transżonali meħtieġa jekk jiskatta l-mekkaniżmu ta' assistenza.

Skont il-limitazzjonijiet tekniċi f'kull Stat Membru, jista' jkun li t-TSOs, bl-appoġġ taċ-ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali, ikunu fl-aħjar pożizzjoni biex jerfgħu r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-aspetti tekniċi kollha u għall-implimentazzjoni tal-miżuri operattivi kollha meħtieġa abbażi tal-għarfien tagħhom tas-sistemi tal-elettriku u l-iskemi ta' kooperazzjoni transkonfinali eżistenti f'każ ta' emerġenza ([7]). Dawn l-istrutturi, il-ftehimiet u l-esperjenza ta' kooperazzjoni eżistenti għandhom iservu bħala bażi għall-assistenza. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi identifikat qafas ġenerali ċar (jekk ikun diġà fis-seħħ) jew inkella jiġi stabbilit tali qafas, inklużi l-kundizzjonijiet tekniċi, sabiex il-kooperazzjoni meħtieġa tkun tista' titwettaq b'ċertezza tad-dritt. Id-data teknika tista' tiġi aġġornata kif meħtieġ fil-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji.

2.2.1. *Soluzzjonijiet tekniċi u koordinazzjoni (l-Artikolu 15(2))*

Is-soluzzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi jistgħu jsiru għad-diversi partijiet tal-infrastruttura fi Stat Membru partikolari. Dan jipprovdi stampa ċara tal-assistenza disponibbli, il-limitazzjonijiet tekniċi involuti u stima aħjar tal-ispejjeż għall-implimentazzjoni ta' kull miżura (jekk rilevanti). Billi s-sitwazzjonijiet ta' kriżi potenzjali jistgħu jkunu differenti ħafna, huwa importanti li l-Istati Membri jitħallew b'firxa wiesgħa ta' għażliet u għodod li jistgħu jużaw. Lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' soluzzjonijiet tekniċi tista' tiġi deskritta fl-arranġamenti tekniċi, sabiex il-partijiet ikunu konxji mill-passi li jistgħu jittieħdu, għall-finijiet ta' assistenza, qabel u waqt emerġenza. Is-simulazzjonijiet tal-miżuri ta' assistenza jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-istat ta' tħejjija għal sitwazzjonijiet bħal dawn.

Il-linji gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ([8]) u l-kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr ([9]) jikkostitwixxu ġabra ta' regoli dettaljati li jirregolaw kif l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u partijiet interessati rilevanti oħrajn għandhom jaġixxu u jikkooperaw biex jiżguraw is-sigurtà tas-sistema. Huma jarmonizzaw ukoll l-istandards tekniċi u l-protokolli ta' emerġenza tat-TSOs f'kull żona sinkronika. Dawn ir-regoli tekniċi għandhom l-għan li jiżguraw li l-biċċa l-kbira tal-inċidenti tal-elettriku jiġu ttrattati b'mod effettiv f'livell operazzjonali. Sabiex jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku li jista' jkollhom skala u impatt akbar fejn ir-regoli dwar it-tħaddim tas-suq u tas-sistema weħidhom ma jkunux biżżejjed, l-Istati Membri għandhom jaqblu fuq miżuri

([7]) Pereżempju: Servizz ta' Assistenza Reċiproka f'każ ta' Emerġenza. (MEAS) kuntratti TSO-TSO.

([8]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1).

([9]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2196 tal-24 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr tal-elettriku, ĠU L 312, 28.11.2017, p. 54).

speċifiċi li jmorru lil hinn mir-responsabbiltà tat-TSOs li jipprevjenu, iħejju u jiġġestixxu sitwazzjonijiet bħal dawn. Anki matul dawn is-sitwazzjonijiet ta' kriżi, ir-regoli li jirregolaw is-suq intern, u r-regoli dwar it-tħaddim tas-sistema inklużi fil-linji gwida dwar it-tħaddim tas-sistema u l-kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr (li jirregolaw it-tnaqqis tat-tranżazzjonijiet, il-limitazzjoni tal-forniment ta' kapaċità transżonali għall-allokazzjoni tal-kapaċità, jew il-limitazzjoni tal-forniment tal-iskedi), għandhom jiġu rrispettati.

Il-kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ġestjoni min-naħa tat-TSOs tal-istati ta' emerġenza, blekawt u restawr u l-koordinazzjoni tat-tħaddim tas-sistema fl-Unjoni kollha f'tali stati, inkluża l-proċedura għas-sospensjoni tal-attivitajiet tas-suq, il-pjan ta' difiża u l-pjan ta' restawr. Il-pjan ta' difiża tas-sistema huwa l-kumpilazzjoni tal-miżuri tekniċi u organizzattivi li għandhom jittieħdu biex jipprevjenu l-propagazzjoni jew id-deterjorament ta' disturb fis-sistema tat-trażmissjoni, sabiex jiġu evitati stat ta' disturb u stat ta' blekawt ta' żona wiesgħa.

Is-soluzzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi għandhom jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet ipprovduti mill-kooperazzjoni reġjonali. Għalhekk, dawn l-arranġamenti għandhom jinkludu l-passi tekniċi miftiehma li huma meħtieġa biex jipprevjenu l-kriżi, kif ukoll il-passi tekniċi miftiehma li huma meħtieġa biex itaffu l-effetti tagħha u biex tiġi evitata l-eskalazzjoni tal-kriżi meta din isseħħ.

Uħud mis-soluzzjonijiet tekniċi huma preventivi, jiġifieri jitwettqu minn qabel sewwa sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' kriżijiet futuri (pereżempju, l-iżvilupp ta' prodotti tax-xitwa li jintbagħtu lura għal avvenimenti estremi jew il-modifika tat-tul ta' żmien ta' qtugħ ippjanat). Oħrajn jintużaw eżatt qabel l-avveniment, jiġifieri meta jkun hemm evidenza li l-kriżi tista' sseħħ (fil-fażi ta' preparazzjoni). Fl-aħħar nett, oħrajn jiġu skjerati matul it-taqlib biex jillimitaw jew inaqqsu l-effetti tal-kriżi.

Għal kull soluzzjoni teknika, huwa rrakkomandat li l-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji jinkludu informazzjoni dwar il-kapaċità tagħha (GWh/ġimgħa), kemm jekk tkun diġà ġiet ivverifikata fil-prattika kif ukoll jekk le, il-ħin tal-bidu mid-deċiżjoni għall-effett, it-tul ta' żmien potenzjali, l-entità responsabbli għal kull kejl, id-dipendenza fuq miżuri oħrajn, l-effetti sekondarji u kwalunkwe rimarka oħra. Għal soluzzjonijiet mhux tas-suq, f'konformità mal-Artikolu 11.1(g), għandu jiġi indikat kif dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 16.

Meta l-kriżi tiġi ddikjarata bħala eżistenti jew imminenti, jeħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni bejn it-TSOs rilevanti, in-NEMOs, l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni (DSOs), il-koordinaturi nazzjonali ta' emerġenza, l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet involuti fil-kunsinna tal-elettriku. Dawn għandhom jiġu involuti kmieni biżżejjed fid-diskussjonijiet dwar id-dispożizzjonijiet ta' assistenza u possibbilment jiġu inkarigati biex jaħdmu flimkien biex jeżegwixxu l-arranġamenti ta' assistenza.

F'każijiet eċċezzjonali fejn tkun ġiet offruta kapaċità transżonali lis-suq, iżda din tkun baqgħet ma ntużatx, it-TSOs għandhom ikunu intitolati li jużaw dawk il-kapaċitajiet.

2.2.2. *Informazzjoni teknika fit-twissija bikrija u fid-dikjarazzjoni ta' kriżi (l-Artikolu 14) u metodoloġija għall-istima skont l-Artikolu 15(3) (li għandha tiġi vvalutata mill-ġdid abbażi tal-kapaċità teknika li tingħata l-assistenza ladarba din tkun meħtieġa matul il-kriżi)*

Għall-fini tat-trasparenza u bħala bażi għad-diskussjonijiet dwar l-assistenza meħtieġa, l-Istati Membri għandhom jinformaw lil Stati Membri oħrajn fil-ftehim reġjonali tagħhom u fi kwalunkwe ftehim bilaterali ulterjuri (jiġifieri fornituri potenzjali ta' assistenza) dwar il-kwantitajiet massimi teoretiċi tal-elettriku li jistgħu jitolbu, l-istatus u l-limitu tal-kapaċità transżonali, il-perjodu possibbli meta tkun meħtieġa l-assistenza u l-iskattatur għall-assistenza. Madankollu, il-kwantitajiet tal-elettriku eżatti meħtieġa, mitluba u disponibbli jkunu magħrufa biss ladarba tiskatta l-assistenza. Għall-kalkolu ta' dawn il-kwantitajiet massimi teoretiċi tal-elettriku, għandhom jitqiesu l-elementi li ġejjin bħala minimu:

— indikazzjoni tal-iżbilanċ mistenni f'termini ta' enerġija u potenza elettrika u t-tul ta' żmien antiċipat ta' din il-lakuna minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ġenerazzjoni u/jew kapaċità transżonali,

— indikazzjoni tal-inċertezza tal-iżbilanċ mistenni li hija funzjoni tal-prevedibbiltà limitata tal-ġenerazzjoni rinnovabbli varjabbli, il-prevedibbiltà limitata tad-domanda attwali, kif ukoll il-possibbiltà ta' qtugħ mhux ippjanat tal-assi tal-ġenerazzjoni,

— il-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema tal-Istat Membru: l-istat tal-interkonnetturi, jekk rilevanti (fil-każ ta' qtugħ), il-livell tal-ġibjuni idrografiċi u l-evoluzzjoni mistennija tiegħu, il-kapaċità tal-ħażna, il-possibbiltajiet ta' rispons min-naħa tad-domanda, il-possibbiltà ta' nuqqas ta' fjuwil, eċċ.,

— kwalunkwe karatteristika operattiva kritika oħra li tista' tiġi affettwata minħabba l-kriżi (pereżempju, nuqqas ta' gass jista' jkollu impatt fuq il-kapaċitajiet ta' kontroll tal-frekwenza ta' żona partikolari jew inaqqas l-ammonti disponibbli ta' riżervi ta' kontenitment tal-frekwenza u riżervi awtomatiċi ta' restawr tal-frekwenza).

Punt tat-tluq tajjeb għall-analiżi tal-kwantitajiet potenzjali tal-elettriku jista' jkun l-aħħar valutazzjonijiet tal-adegwatezza staġjonali u ta' terminu qasir. L-informazzjoni preċedenti għandha tiġi aġġornata meta tkun disponibbli informazzjoni ġdida u meta l-kriżi sseħħ b'mod effettiv, sabiex jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti u l-istat tas-sistema.

2.2.3. *Is-sigurtà operazzjonali tan-netwerks*

Ix-xenarji tar-riskju jistgħu jikkunsidraw avvenimenti aktar estremi, kontinġenzi eċċezzjonali oħrajn u kontinġenzi straordinarji mhux ikkunsidrati fil-lista ta' kontinġenzi ([10]), jew ksur tal-limiti tas-sigurtà operazzjonali li għandhom jitqiesu. Għandha titwettaq valutazzjoni speċifika biex jiġu ddeterminati s-sitwazzjonijiet potenzjali mhux marbuta mas-sigurtà u l-linji ta' azzjoni potenzjali biex dawn jiġu ttrattati.

L-arranġamenti jistgħu jipprovdu deskrizzjoni tal-possibbiltajiet tekniċi u l-limitazzjonijiet tan-netwerks tal-elettriku individwali li jeħtieġ li jinżammu biex is-sistema tal-elettriku taħdem b'mod sikur u affidabbli. Din hija informazzjoni importanti kemm għall-Istati Membri li jassistu kif ukoll għal dawk assistiti.

2.2.4. *L-osservanza tar-regoli tas-suq*

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament, il-miżuri meħuda biex jipprevjenu jew itaffu sitwazzjonijiet ta' kriżi tal-elettriku jridu jkunu konformi mar-regoli li jirregolaw is-suq intern tal-elettriku u t-tħaddim tas-sistema. B'mod partikolari, is-swieq għandhom jibqgħu attivi u l-miżuri tas-suq għandhom jiġu segwiti kemm jista' jkun, jiġifieri l-prezzijiet għandhom isegwu l-kundizzjonijiet tad-domanda u tal-provvista u l-aċċess għall-interkonnetturi transkonfinali għandu jinżamm miftuħ taħt kundizzjonijiet standard. Il-prezzijiet għoljin (f'sigħat ta' skarsezza) għandhom jitqiesu bħala normali fl-operat tas-swieq tal-enerġija, minħabba li jikkostitwixxu għodda ewlenija għall-iskattar ta' elettriku addizzjonali biex tmur online u tissodisfa d-domanda kemm ta' terminu qasir kif ukoll fit-tul.

Bl-istess mod, il-linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema trid tiġi segwita għal stati normali u ta' allert tas-sistema, filwaqt li l-kodiċi tan-netwerk ta' emerġenza u ta' restawr irid jiġi segwit fil-każ tal-istati ta' emerġenza, blekawt u restawr.

2.2.5. *L-attivazzjoni ta' miżuri mhux ibbażati fis-suq*

Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament, il-miżuri mhux ibbażati fis-suq jistgħu jiġu attivati fi kriżi tal-elettriku biss:

— bħala l-aħħar rimedju, jekk ikunu ġew eżawriti l-għażliet kollha pprovduti mis-suq, jew

— fejn ikun evidenti li l-miżuri tas-suq weħidhom mhumiex biżżejjed biex jipprevjenu deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-elettriku.

Barra minn hekk, il-miżuri mhux ibbażati fis-suq ma jistgħux ifixklu indebitament il-kompetizzjoni u l-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-elettriku. Dawn iridu jkunu neċessarji, proporzjonati, mhux diskriminatorji u temporanji. Il-miżuri mhux ibbażati fis-suq li jikkostitwixxu restrizzjoni ta' flussi tal-elettriku bejn l-Istati Membri ma jistgħux imorru lil hinn mill-miżuri elenkati fil-punt 2.2.5.1 u jistgħu jinbdew biss kif previst mir-regoli msemmija taħt dak il-punt.

Il-miżuri mhux ibbażati fis-suq għandhom jiġu attivati kemm jista' jkun tard, filwaqt li titqies l-aktar informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-sistema tal-enerġija (l-istatus u l-previżjonijiet tas-sistema). Barra minn hekk, għandu jiġi ddedikat biżżejjed żmien biex issir komunikazzjoni mal-Istati Membri, mat-TSOs, mal-partijiet interessati rilevanti u man-NEMOS fir-reġjun u li jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa. It-tul ta' żmien tal-miżuri mhux ibbażati fis-suq għandu jkun qasir kemm jista' jkun u s-sigħat rilevanti tal-applikazzjoni tagħhom iridu jiġu stabbiliti minn qabel.

2.2.5.1. Miżuri mhux ibbażati fis-suq li jikkostitwixxu restrizzjoni ta' flussi tal-elettriku bejn l-Istati Membri

It-tnaqqis tat-tranżazzjonijiet jista' jitwettaq fil-każijiet li ġejjin:

(a) it-tnaqqis tal-kapaċità transżonali diġà allokata (kif imsemmi fl-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità ([11]) u fl-Artikolu 72 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni ([12]));

([10]) Il-listi ta' kontinġenza huma stabbiliti skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2017/1485 (ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1).
([11]) ĠU L 259, 27.9.2016, p. 42.
([12]) ĠU L 197 25.7.2015, p. 24.

(b) il-limitazzjoni tal-forniment ta' kapaċità transżonali għall-allokazzjoni tal-kapaċità (kif imsemmi fl-Artikolu 16.3 tar-Regolament (UE) 2019/943 u fl-Artikolu 35(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2196 tal-24 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr ([13])); jew

(c) il-limitazzjoni tal-forniment ta' skedi wara l-eżitu tas-swieq ta' ġurnata bil-quddiem jew tal-istess ġurnata (kif imsemmi fl-Artikolu 111(1) u 111(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 ([14])).

Is-sottotaqsimiet ta' hawn taħt jiddeskrivu r-regoli eżistenti applikabbli għal kull każ.

(a) It-tnaqqis tal-kapaċità transżonali diġà allokata (kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2016/1719 u fir-Regolament (UE) 2015/1222)

L-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/1719 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità jistabbilixxi li t-TSOs kollha jridu jiżviluppaw regoli armonizzati ta' allokazzjoni (HAR) għad-drittijiet tat-trażmissjoni fit-tul. Ir-regoli dwar it-tnaqqis tal-kapaċità transżonali fit-tul huma stabbiliti fit-Titolu 9 tal-HAR ([15]).

L-Artikolu 72(1) tar-Regolament (UE) 2015/1222 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni jistabbilixxi li t-tnaqqis tal-kapaċità transżonali allokata huwa possibbli biss fil-każ ta' force majeure jew f'sitwazzjoni ta' emerġenza fejn it-TSO jrid jaġixxi bil-ħeffa, filwaqt li r-ridispaċċ u l-iskambju kumpensatorju mhumiex possibbli. Fil-każijiet kollha, it-tnaqqis irid jitwettaq b'mod ikkoordinat wara kollegament mat-TSOs kollha direttament ikkonċernati. L-Artikolu 72(3) jistabbilixxi kif irid jiġi kkumpensat it-tnaqqis.

(b) Il-limitazzjoni tal-forniment tal-kapaċità transżonali għall-allokazzjoni tal-kapaċità (kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/943 u r-Regolament (UE) 2017/2196)

Il-limitazzjoni tal-forniment ta' kapaċità transżonali għall-allokazzjoni tal-kapaċità hija possibbli biss meta jkun mistenni li s-sistema ta' trażmissjoni ma tiġix restawrata għall-istat normali jew għall-istat ta' allert.

(c) Il-limitazzjoni tal-forniment ta' skedi (kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2017/1485)

Il-limitazzjoni tal-iskedi minħabba problemi lokali fin-netwerk fiżiku jew fis-sistemi tal-ICT (għodod u mezzi ta' komunikazzjoni) għandha tiġi kkomunikata mill-aktar fis possibbli. Fil-każ ta' problemi tal-ICT, għandu jkun hemm fis-seħħ mezzi alternattivi ta' komunikazzjoni jew proċeduri ta' riżerva biex jillimitaw l-impatt tal-problema tal-ICT. Fil-każ ta' problema fin-netwerk fiżiku li jipproduċi limitazzjoni tal-iskedi, il-pjanijiet ta' ħejjija għar-riskji fil-livell nazzjonali għandhom jiddefinixxu l-proċedura għall-ġestjoni u l-kumpens tagħha.

2.2.5.2. Sospensjoni tas-suq

L-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2017/2196 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr jiddefinixxi l-każijiet li fihom l-attivitajiet tas-suq jistgħu jiġu sospiżi.

L-Artikolu 35(2) jelenka l-attivitajiet tas-suq li t-TSO jista' jissospendi temporanjament. It-TSOs f'reġjun iridu jaqblu fuq id-deċiżjoni rigward is-sospensjoni ta' kull waħda mill-attivitajiet u l-motiv wara dik id-deċiżjoni.

L-ebda miżura ta' kriżi miftiehma fuq livell reġjonali jew bilaterali jew miżura nazzjonali mhux ibbażata fis-suq ma għandha tirriżulta fis-sospensjoni tal-operazzjonijiet tas-suq għal raġunijiet oħrajn għajr dawk elenkati fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2017/2196 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr.

2.3. **Arranġamenti finanzjarji**

L-arranġamenti finanzjarji għandhom jiżguraw li l-elettriku fornut taħt il-mekkaniżmu ta' assistenza jitħallas bi prezz xieraq. Dawn l-arranġamenti jistgħu jkopru l-kalkolu tal-ispejjeż, il-kumpens għall-assistenza (inkluż il-kumpens għat-tnaqqis) u l-proċeduri ta' ħlas li għandhom jiġu identifikati u stabbiliti bejn l-entitajiet rilevanti.

([13]) ĠU L 312, 28.11.2017, p. 54.
([14]) ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1.
([15]) Deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija Nru 03/2017 tat-2 ta' Ottubru 2017 dwar il-proposta tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku għal regoli armonizzati ta' allokazzjoni għad-drittijiet tat-trażmissjoni fit-tul.

L-arranġamenti finanzjarji ma għandhomx jintroduċu inċentivi perversi, li huma stess jistgħu jiskattaw il-ħtieġa għal assistenza. Il-kumpens għall-assistenza huwa mistenni li jkopri mhux aktar mill-ispejjeż effettivament imġarrba; huwa ma jistax isir sors ta' profitt għall-entità li tipprovdi. L-Istat Membru li jirċievi l-assistenza għandu jħallas minnufih prezz ġust għall-elettriku riċevut lill-Istat Membru fornitur. Dan tal-aħħar imbagħad jiddetermina kif jiġu ttrattati dawn il-fondi u kif dawn jaqblu mar-regoli eżistenti għall-issetiljar tal-iżbilanċ.

Kwalunkwe kumpens imħallas lill-klijenti li jiġu ristretti f'emerġenza — kemm jekk dan jirriżulta mill-obbligu li tiġi pprovduta assistenza transkonfinali jew minn emerġenza nazzjonali — għandu jkun l-istess bħal dak stabbilit fil-liġi nazzjonali.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-mekkaniżmu nazzjonali eżistenti (dwar il-kumpens relatat mat-tnaqqis sfurzat) għal emerġenzi purament nazzjonali (jiġifieri meta ma jkunx hemm talba għal assistenza). Dan jagħtihom il-libertà li jiddeċiedu jekk jixtiqux iħallsu kumpens jew le lill-klijenti ristretti bil-forza. Madankollu, meta emerġenza nazzjonali tiżviluppa f'sitwazzjoni fejn tiskatta assistenza transkonfinali, għażla waħda tista' tkun li l-kumpens għall-assistenza mħallsa mill-Istat Membru rikjedenti lill-Istat Membru fornitur jiġi distribwit fost il-gruppi ta' konsumaturi kollha ristretti bil-forza, irrispettivament minn jekk ġewx ristretti qabel jew wara li skattat l-assistenza. Din l-għażla ssegwi skema mfassla fl-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza, iżda preferibbilment tkun ibbażata fuq approċċ tat-tip tal-"valur ta' tagħbija mitlufa". Inkella, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jħallsu l-kumpens riċevut għall-assistenza f'"fond ta' assistenza" amministrat ċentralment. B'dan il-mod, il-mekkaniżmi ta' kumpens nazzjonali eżistenti għat-tnaqqis jibqgħu fil-mandat tal-Istati Membri u l-approċċi differenti fl-Istati Membri ma jwasslux għal trattament differenti tal-gruppi ta' konsumaturi ristretti f'pajjiż meta tiġi pprovduta assistenza bejn il-fruntieri, fejn il-kumpens għall-assistenza jkun obbligatorju.

L-elementi ewlenin tal-kumpens għall-assistenza huma (i) il-prezz tal-elettriku u (ii) l-ispejjeż addizzjonali għall-Istat Membru li qed jassisti biex jiżgura li l-elettriku jiġi distribwit bejn il-fruntieri, abbażi tal-ispejjeż effettivament imġarrba li l-qafas ġuridiku nazzjonali fl-Istat Membru li qed jassisti jippermetti li jitħallsu.

Jistgħu jintużaw approċċi differenti biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-elettriku u dawn jiġu miftiehma fl-arranġamenti. Madankollu, huwa importanti li l-arranġamenti jkunu ċari dwar l-approċċ miftiehem u ċ-ċirkostanzi li fihom japplika, u li jidentifikaw kwalunkwe parametru magħruf li jista' jintuża (pereżempju, il-primjum, jekk jintgħażel il-prinċipju tal-"aħħar tranżazzjoni kummerċjali magħrufa flimkien mal-primjum").

2.3.1. *Il-prezz tal-elettriku*

L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirreferu għall-prezz tal-elettriku kkunsinnat u/jew il-metodoloġija għall-iffissar tal-prezz, filwaqt li jitqies l-impatt fuq l-operazzjonijiet tas-suq. Din l-aħħar kundizzjoni tista' tinftiehem bħala li timmira għal prezz jew metodoloġija li ma jfixklux is-suq u ma joħolqux inċentivi perversi. Il-prezz tal-elettriku li jservi bħala l-bażi għall-kumpens għall-assistenza jiġi ddeterminat (permezz tas-suq jew b'mezzi oħrajn) fl-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza.

(a) Il-prezz tas-suq

Bħala prinċipju gwida, il-prezz tal-elettriku, fornut taħt il-mekkaniżmu ta' assistenza, ma għandux ikun aktar baxx mill-prezz tas-suq, b'tali mod li jwassal għal inċentivi perversi. Jekk il-prezz jinżamm mhux iffriżat u jitħalla jsegwi b'mod dinamiku d-domanda u l-provvista tal-elettriku, huwa jista' jipprovdi sinjal anki matul kriżi.

Fir-rigward tal-prezzijiet tas-suq f'termini ġenerali, xprunatur ewlieni huwa l-livell ta' integrazzjoni tas-suq li jitqies bħala każ każi. Jekk tkun preżunta l-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern tal-elettriku, inklużi s-swieq tal-ibbilanċjar, mela l-prezz ta' referenza jista' jiġi pprovdut direttament minn kwalunkwe waħda mill-pjattaformi futuri maħluqa għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar skont ir-Regolament (UE) 2017/2195 ([16]) dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku. Metodoloġija għall-kalkolu ta' "prezz ta' referenza" tkun meħtieġa biss meta ma jkunx hemm aktar offerti disponibbli fis-suq tal-ibbilanċjar (li jindikaw kriżi simultanja) jew meta l-ispeċifiċitajiet tas-suq (jiġifieri l-eżistenza ta' prodotti tal-ibbilanċjar purament nazzjonali) ma jippermettux l-attivazzjoni tagħhom mill-Istat Membru rikjedenti. Fl-aħħar nett, jekk ma jkunx hemm aktar offerti disponibbli fis-suq tal-ibbilanċjar (jiġifieri ma jkunx hemm aktar riżorsi disponibbli fis-suq), l-aħħar għodda disponibbli tkun it-tnaqqis tat-tagħbija. F'dan il-każ, il-prezz tal-enerġija għandu jirrifletti l-ispiża tal-implimentazzjoni ta' tali tnaqqis tat-tagħbija (ara l-punt b).

([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (ĠU L 312, 28.11.2017, p. 6).

(b) Ipprezzar amministrattiv/tnaqqis sfurzat

Jekk ma jkun hemm l-ebda prezz tas-suq, jistgħu jkunu meħtieġa approċċi oħrajn għall-iffissar tal-prezz tal-elettriku, bħall-aħħar prezz tas-suq tal-ibbilanċjar magħruf jew il-prezz tas-suq tal-istess ġurnata, skont liema minnhom ikun l-ogħla. Inkella, il-prezz tal-aħħar tranżazzjoni kummerċjali tal-elettriku magħrufa jew tal-miżura bi primjum jew mingħajru jista' jkun ukoll indikatur. Jista' jiġi kkunsidrat primjum sabiex timtela l-lakuna — jekk teżisti tali lakuna — bejn l-aħħar prezz magħruf u l-valur tat-tagħbija mitlufa (VoLL) tal-klijenti ristretti ([17]).

Jista' jintuża kalkolu tal-VoLL biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-klijenti li jiġu ristretti bil-forza fl-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza. Il-valur jirrifletti l-benefiċċji li tilef il-grupp speċifiku ta' konsumaturi bħala riżultat tat-tnaqqis tiegħu. Il-VoLL għandu jiġi derivat bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/943.

Ġeneralment, il-valuri adottati ser ikunu riflessi wkoll fl-ordni ta' tnaqqis fil-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji.

Fl-aħħar nett, jista' jkun tajjeb li nħarsu lejn metodoloġija għall-iffissar tal-prezzijiet mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew mill-awtorità kompetenti, jew l-użu ta' indikatur, bħall-prezz tal-opzjonijiet ta' xiri ([18]).

(c) Ir-rieda li tħallas

Jista' jkun raġonevoli li jiġi ddeterminat l-ammont massimu li kull Stat Membru huwa lest li jħallas għall-elettriku f'sitwazzjoni ta' kriżi. Il-valur massimu x'aktarx ikun il-VoLL għall-kategoriji ta' utenti tal-elettriku li huma intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar fi Stat Membru partikolari. Jekk il-prezz tal-elettriku jaqbeż dan il-valur, jista' ma jkunx fl-interess tal-Istat Membru li jitlob għall-elettriku taħt il-mekkaniżmu ta' assistenza. Madankollu, din l-informazzjoni mhux bilfors trid tkun parti mill-arranġamenti jew tkun riflessa fil-pjanijiet.

2.3.2. *Kategoriji oħrajn ta' spejjeż*

L-arranġamenti finanzjarji għandhom ikopru kwalunkwe kategorija oħra ta' spejjeż, inklużi l-ispejjeż rilevanti u raġonevoli għall-miżuri stabbiliti minn qabel (l-Artikolu 15(4) tar-Regolament), li ser ikollhom jiġu koperti minn kumpens ġust u fil-pront. L-ispejjeż addizzjonali għandhom jinżammu kemm jista' jkun baxxi u għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, minħabba li wħud mill-elementi ta' spejjeż addizzjonali jistgħu jkunu diġà riflessi fil-prezz tal-elettriku.

(a) Spejjeż tat-trażmissjoni assoċjati

Il-kumpens għandu jkopri l-ispejjeż assoċjati mat-trażmisssjoni relatati mal-kapaċità meħtieġa għall-kwantitajiet ta' assistenza.

(b) Danni għall-klijenti ristretti bil-forza (kumpens għat-tnaqqis)

Spejjeż oħrajn jistgħu jkunu wkoll dawk imġarrba taħt obbligu li jitħallas kumpens fl-Istat Membru li qed jassisti, inklużi d-danni għall-klijenti ristretti bil-forza. Dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu inklużi fl-ispiża tal-kumpens jekk il-qafas ġuridiku nazzjonali jipprevdi l-obbligu li jitħallsu d-danni lill-klijenti ristretti bil-forza, inkluż il-kumpens għad-dannu ekonomiku, minbarra l-prezz tal-elettriku. Il-metodoloġija rilevanti għall-kalkolu għandha tiġi inkluża fl-arranġamenti. Jista' jkun hemm ftehim biex l-ammont ta' kumpens effettivament imġarrab jingħadda lill-entitajiet li jużaw l-elettriku ta' assistenza fl-Istat Membru li jirċievi l-assistenza.

Madankollu, l-ispiża tad-danni għall-klijenti ristretti bil-forza tista' tkun koperta biss mill-kumpens jekk ma tkunx riflessa fil-prezz tal-elettriku li għandu jħallas l-Istat Membru rikjedenti. L-Istat Membru rikjedenti ma għandux ikollu jħallas kumpens għall-istess spejjeż darbtejn.

([17]) Hemm każijiet fejn il-primjum ikopri l-"valur tal-assigurazzjoni" tal-elettriku magħmul disponibbli.

([18]) L-opzjonijiet ta' xiri jagħtu lix-xerrej tal-opzjoni ta' xiri d-dritt, iżda mhux l-obbligu, li jixtri kwantità speċifika ta' elettriku bi prezz fiss fil-ġejjieni. Ix-xerrej tal-opzjoni jħallas primjum għad-dritt li jeżerċita l-opzjoni. L-opzjonijiet huma magħmula minn prezz tal-eżerċitar, perjodu ta' pprezzar, metodoloġija ta' saldu, u primjum. L-opzjonijiet jiġu nnegozjati fil-boroż jew jistgħu jkunu ftehimiet bilaterali privati OTC.

c) Spiża tal-proċedimenti ġudizzjarji fl-Istat Membru li qed jassisti

Spejjeż oħrajn jistgħu jkunu relatati wkoll mar-rimborż għal kwalunkwe spiża li tirriżulta minn proċedimenti ġudizzjarji, proċedimenti ta' arbitraġġ u saldi, flimkien ma' kwalunkwe spiża relatata minn tali proċedimenti li jinvolvu lill-Istat Membru li qed jassisti vis-à-vis l-entitajiet involuti fl-għoti ta' tali assistenza (l-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament). Madankollu, dan il-kumpens għandu jitħallas biss wara li tkun ingħatat prova tal-ispejjeż imġarrba.

Fil-każ ta' litigazzjoni li tinvolvi Stat Membru u l-entità li tipprovdi assistenza fuq kumpens (insuffiċjenti) mill-Istat Membru li jirċievi l-assistenza, għandu jkun hemm salvagwardji biex jipproteġu lill-Istat Membru msemmi l-aħħar. Jista' jkun hemm ċirkostanzi li fihom l-entità kkonċernata u l-Istat Membru fejn hija stabbilita jieħdu lil xulxin il-qorti biex jiksbu prezz tal-elettriku ogħla jew aktar kumpens għall-entità, u jaġixxu għad-detriment tal-Istat Membru rikjedenti, li mhuwiex parti fil-proċedimenti ġuridiċi. Ċirkostanzi bħal dawn għandhom jiġu evitati.

Is-sitwazzjoni msemmija hawn fuq hija differenti minn sitwazzjoni fejn kumpanija fl-Istat Membru li qed jassisti tniedi proċedimenti ġudizzjarji kontra entità fl-Istat Membru riċeventi fuq il-prezz tal-elettriku jew il-kumpens għat-tnaqqis. F'sitwazzjoni bħal din, il-kumpanija jew l-entità li titlef il-każ tkun responsabbli biex tħallas l-ispejjeż involuti.

2.3.3. *Indikazzjoni tal-metodu ta' kif jiġi kkalkolat il-kumpens ġust*

Jistgħu jiġu kkunsidrati l-metodi li ġejjin fil-kalkolu tal-kumpens ġust:

— somma sempliċi tal-elementi kollha applikabbli deskritti fit-taqsima ta' hawn fuq,

— il-valur tal-flus maż-żmien: il-ħlas għandu jsir fil-pront. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jaqblu fuq rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata għall-kumpens ladarba jkun għadda perjodu realistiku wara li tingħata l-assistenza, u ladarba jkun ġie kkalkolat u miftiehem l-ammont eżatt tal-kumpens,

— ftehim bejn l-Istati Membri li jużaw muniti differenti dwar il-munita li biha għandu jiġi kkalkolat u mħallas il-kumpens, inkluża r-rata tal-kambju rilevanti.

2.3.4. *Il-kalkolu tal-kumpens tal-ispejjeż rilevanti u raġonevoli kollha u l-impenn li jitħallas il-kumpens*

X'aktarx li l-kalkolu tal-pagament eżatt lill-Istat Membru li jkun ipprovda l-assistenza u lill-entitajiet f'dak l-Istat Membru jkun jista' jseħħ biss realistikament xi żmien wara li jkun ġie kkunsinnat l-elettriku mitlub taħt il-mekkaniżmu ta' assistenza. Fl-arranġament reġjonali jew bilaterali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jaqblu fuq l-approċċ ta' kif jiġu kkalkolati l-prezz tal-elettriku u l-ispejjeż addizzjonali, u fuq data ta' skadenza realistika għall-ħlas.

L-informazzjoni dwar il-kwantitajiet tal-elettriku effettivament ikkunsinnati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra għall-kalkolu tal-kumpens għandhom jintbagħtu lill-persuna/i ta' kuntatt rilevanti fl-Istati Membri involuti fl-eżerċizzju ta' assistenza, sabiex it-tnejn ikunu jistgħu jwettqu kalkolu finali tal-kumpens. L-informazzjoni tista' tkun disponibbli mit-TSO, mid-DSO, mill-operatur ta' riżerva strateġika, minn fornitur jew min-NEMO, skont il-miżura applikata. Il-kalkolu tal-kumpens jista' jiġi ddelegat lil xi entità oħra definita minn qabel.

2.3.5. *L-arranġamenti għall-ħlas*

Bħala prinċipju ta' gwida, il-proċeduri eżistenti għall-ħlasijiet u l-kumpens domestiċi (jew għat-tranżazzjonijiet tat-tip ta' bbilanċjar) fi Stat Membru u r-rwoli u r-responsabbiltajiet eżistenti f'dan ir-rigward għandhom jinżammu u jiġu applikati, kull fejn ikun possibbli, għall-ħlasijiet ta' kumpens għall-assistenza bejn l-Istati Membri wkoll. L-arranġamenti bejn l-Istati Membri għandhom jiffokaw fuq kif tista' tiġi konnessa jew implimentata interfaċċja bejn dawn l-oqfsa nazzjonali eżistenti. In-natura tal-assistenza tista' tesiġi li l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti jkunu l-interfaċċja li ġġorr ir-responsabbiltà finanzjarja aħħarija.

2.3.6. *Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet - min iħallas lil min u min jorganizza l-ħlasijiet*

Meta jkunu għadhom possibbli l-miżuri volontarji min-naħa tad-domanda fl-Istat Membru li qed jassisti, jeħtieġ li jinżamm l-aċċess għall-pjattaforma rilevanti u għall-kapaċità transżonali. Għandu jkun possibbli li xerrej wara l-fruntiera jagħmel il-ħlasijiet bl-istess mod bħalma jagħmel xerrej lokali għall-elettriku, skont dak li huwa definit fil-linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku.

Meta jiġi introdott tnaqqis, kwalunkwe qafas ġuridiku, proċess ta' ħlas jew awtorità responsabbli għall-ġestjoni tal-ħlasijiet eżistenti fl-Istat Membru li jipprovdi l-assistenza jistgħu jintużaw jew jiġu adattati kif meħtieġ għall-ħlasijiet ta' kumpens minn pajjiż fil-viċinat.

Il-benefiċjarju aħħari tal-assistenza huwa l-konsumatur fornut. Fil-każ ta' tnaqqis, il-fornitur tal-elettriku tal-klijent ristrett mhux protett għandu jkun żgur li jsiru ħlasijiet kontinwi, filwaqt li jqis il-volumi tal-assistenza. Dawn għandhom ikunu miftiehma skont l-iskema ta' kumpens fl-Istat Membru. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet potenzjali jistgħu jitqassmu kif deskritt fil-punt 1.5.

2.3.7. *Deskrizzjoni/passi tal-proċess tal-ħlas*

Skont l-oqfsa eżistenti u l-mod kif tiġi miftiehma l-interfaċċja bejn dawn l-oqfsa mill-Istati Membri, il-proċeduri miftiehma għandhom jiġu inklużi fl-arranġamenti.

Jekk wieħed jassumi li hemm involviment bejn Stat Membru u ieħor fl-aspetti finanzjarji — u b'mod partikolari l-monitoraġġ, il-verifika u t-tqassim tat-talbiet wara li jkun ġie kkunsinnat l-elettriku tal-assistenza — l-entità rilevanti fl-Istat Membru li qed jassisti tikkalkula l-ammont tal-kumpens abbażi tal-kwantità tal-elettriku kkunsinnat, l-elementi tal-ispejjeż miftiehma u l-metodu ta' kalkolu miftiehem, u tressaq it-talba tagħha għall-ħlas lill-entità relevanti fl-Istat Membru rikjedenti. L-Istat Membru rikjedenti mbagħad jikkonferma s-servizz riċevut, jivverifika l-kalkolu u, jekk ma jkollux oġġezzjonijiet, iħallas sad-data ta' skadenza miftiehma. Il-proċessi finanzjarji fl-Istati membri — bħad-distribuzzjoni tal-kumpens jew it-talba tal-kumpens għall-assistenza — isegwu r-regoli nazzjonali (pereżempju, jistgħu jiġu applikati direttament għall-entità li tkun qed toffri jew tiġi ristretta jew jiġu soċjalizzati, jiġifieri jitqassmu fost il-klijenti kollha).

Id-dati ta' skadenza għall-kalkolu tal-kumpens għall-assistenza, għall-iskrutinju u għall-ħlas għandhom jiġu inklużi fl-arranġamenti. L-istess japplika għal-liġi applikabbli u għall-għażliet ta' soluzzjoni ta' tilwim fil-każ ta' tilwima li tinqala' mill-użu tal-mekkaniżmu ta' assistenza.

3. KONKLUŻJONI

Bis-saħħa tar-Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji, ix-xewqa politika għal assistenza bejn l-Istati Membri saret realtà fil-prattika. Barra minn hekk, ir-Regolament jgħolli l-assistenza mill-istatus ta' kunċett applikat f'livell nazzjonali għal dak ta' protezzjoni fl-UE kollha tas-sikurezza pubblika u tas-sigurtà personali. Għall-fini tal-protezzjoni tas-sikurezza pubblika u tas-sigurtà personali, huwa jintroduċi drittijiet u obbligi estensivi li jipprovdu lill-utenti tal-elettriku intitolati li jirċievu protezzjoni speċjali kontra l-iskonnettjar biċ-ċertezza u s-sigurtà ta' provvista tal-elettriku mingħajr interruzzjoni. Il-gwida f'dan id-dokument toffri firxa wiesgħa ta' għażliet sabiex il-mekkaniżmu ta' assistenza jkun jista' jaħdem, filwaqt li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jagħżlu l-aktar soluzzjonijiet addattati għalihom.